


***Noel Muscat ofm***

## *San Pawl fil-Greċja*


*Il-Kanal ta' Korintu*

## Il-pożizzjoni ġeografika ta' Korintu u xi ħjiel storiku

Il-belt ta' Kórinthos (Korintu) hi belt moderna li tinsab ftit kilometri bogħod mill-fdalijiet arkeoloġiċi tal-belt ta' Korintu fl-era klassika u fl-era Kristjana. Archaia Kórinthos (Korintu l-Antika) tinsab xi 80 kilometru fuq il-punent ta' Ateni, fil-penisola tal-Peloponnesos, li antikament kienet tissejjaħ Akaja. Ġeografikament kienet tiddomina għonq dejjaq ta' art bejn żewġ ibħra, jiġifieri l-Golf ta' Korintu fuq il-punent u l-Golf Saroniku fuq il-lvant. Il-belt kienet mibnija xi 90 metru fuq il-livell tal-baħar. Billi kellha l-baħar fuq iż-żewġ naħat, kienet ċentru importanti, għax kellha żewġ portijiet, il-port ta' Lechaeum fuq il-Golf ta' Korintu, bi żbokk

lejn il-Baħar Jonju, u l-port ta' Cenchreae fuq il-Golf Saroniku, bi żbokk lejn il-Baħar Eġew. Illum il-ġurnata dan l-għonq ta' art hu maqsum mill-Kanal ta' Korintu, li tħaffer bejn l-1882 u l-1893, u li llum jużawh diversi biċċiet tal-baħar u vapuri tal-merkanzija, li hekk iqassru l-vjaġġ bejn ix-xaqliba tal-punent u dik tal-lvant tal-Mediterran, għax jevitaw li jkollhom iduru mal-penisola tal-Peloponnesos. Il-fdalijiet tal-belt antika huma dominati mill-belt-fortizza ta' Acrocorinthis, li togħla 575 metru fuq il-livell tal-baħar. L-iskavi arkeoloġiċi ta' Korintu bdew fl-1896 u kixfu partijiet kbar tal-belt klassika.

Fl-istorja Korintu kienet belt-stat importanti fil-Greċja. Fis-seklu 5 q.K. kellha popolazzjoni ta' 90 elf persuna. Kellha storja antika li tmur lura almenu għas-sena 6500 q.K., fi żmien Neolitiku u fi żmien il-Bronż. Madwar is-sena 900 q.K. ġiet meħuda mid-Doriċi. Il-mitoloġija kif irrakkontata minn Pausanias tgħid li Korintu kienet twaqqfet minn Korinthos, li kien ġej minn nisel tal-alla Zeus, jew inkella mill-alla mara Ephyra, bint l-alla Titan Oceanus. Waqt il-gwerra ta' Troia il-Korintin ħadu sehem taħt it-tmexxija ta' Agamemnon. Tradizzjoni mitoloġika oħra tgħid li l-alla tal-baħar Poseidon ingħata l-*isthmus* ta' Korintu, filwaqt li l-alla tax-xemx Helios kellu l-Acrocorinthis, li kienet muntanja qrib is-sema. Fl-era Dorika, fis-sena 730 q.K. Kortinu waqqfet kolonji f'Corcyra (Corfu) u f'Siracusa fi Sqallija. Fis-sena 650 q.K. nbena t-tempju ta' Apollo u dak ta' Poseidon, fl-era li fiha Korintu kienet immexxija minn tiranni. L-istorja tal-belt hi kumplikata u twila. Nafu li fis-sena 332 q.K. waqgħet taħt il-kontroll ta' Alessandru l-Maċedone (Alessandru l-Kbir). Korintu kienet ukoll il-belt li fiha żviluppa l-istil arkitettoniku msejjaħ appuntu Korinzju, wara l-istil Doriku u l-istil Joniku. Bħala belt port kienet ukoll il-post li fih ġie mibni x-xini tal-gwerra msejjaħ *trireme*, jiġifieri bi tliet livelli ta' mqadef. Korintu kellha wkoll tempju lil Afrodite, u fiha kien hemm il-prattika tal-prostituti sagri. Fis-sena 146 q.K. Lucius Mummius rebaħ Korintu u din saret parti mill-Imperu Ruman. Kien Ġulju Ċesri li reġa' bena l-belt ta' Korintu u semmiha Colonia Laus Iulia Corinthiensis fis-sena 44 q.K. Din kienet il-belt li fiha wasal l-Appostlu Pawl fit-tieni vjaġġ missjunarju tiegħu.

## L-ewwel miġja ta' San Pawl f'Korintu

L-Appostlu Pawlu wasal Korintu fis-sena 50, meta Galljon kien prokonslu tal-Akaja. Ir-rakkont li jagħtuna l-Atti tal-Appostli fil-kapitlu 18 hu dettaljat. Imma qabel ma narawh jaqbel li nifhmu kif Pawlu kien wasal Korintu. L-Atti 16 jgħidulna kif, waqt it-tieni vjaġġ missjunarju tiegħu, Pawlu kien qasam l-Anatolja (Turkija) fir-reġjuni tal-Friġja u l-Galazja, u ried imur lejn il-Bitinja, fuq il-kosta tal-Baħar l-Iswed, imma l-Ispirtu s-Santu ma ħalliehx u niżel Troas. Hemmhekk kellu ħolma, li fiha dehru raġel mill-Maċedonja jitolbu jaqsam il-baħar u jiġi jevanġelizza. B'hekk Pawlu qasam mill-Asja fl-Ewropa, u salpa lejn il-gżira ta' Samothraki u niżel l-art fuq il-kontinent Ewropew f'Neapolis, illum Kavala. Minn hemm mar Filippi, li kienet il-belt prinċipali tal-Maċedonja. F'din il-belt Pawlu evanġelizza lil xi nisa Lhud maġenb ix-xmara, li waħda minnhom, Lydia, ikkonvertiet. Bil-mod Pawlu waqqaf komunità Kristjana, imma l-għira tal-Lhud ikkawżatlu persekuzzjoni, u spiċċa l-ħabs ma' sieħbu Sila. Imma terremot qawwi bil-lejl kien l-okkażjoni biex Pawlu jinħeles mill-ħabs u, wara li għammed lill-għassies tal-ħabs u l-familja tiegħu, telaq minn Filippi u mar Anphipolis, Apollonia u waqaf Tessalonika, fejn ukoll waqqaf komunità Kristjana. Anke hawnhekk, wara ftit żmien, sab persekuzzjoni

mil-Lhud u kellu jitlaq lejn Berea u mbagħad wasal Ateni. Il-kapitlu 17 tal-Atti tal-Appostli jirrakkonta l-ġrajja tal-waqfa ta' Pawlu f'Ateni u tal-predikazzjoni tiegħu fuq l-Areopagu. Hemmhekk ma kellux suċċess, u għaldaqstant telaq lejn Korintu. Ir-rakkont tal-waqfa ta' sena u nofs ta' Pawlu f'Korintu nsibuha fil-kapitlu 18 tal-Atti tal-Appostli.

"Wara dan, Pawlu ħalla Ateni u mar Korintu. Hemm sab wieħed Lhudi minn Pontu, jismu Akwila, li kien għadu kemm wasal mill-Italja ma' martu Prixxilla; għax l-Imperatur Klawdju kien ordna biex il-Lhud kollha jitilqu minn Ruma. Pawlu mar għandhom u, billi kellu l-istess sengħa tagħhom, qagħad jaħdem magħhom. Is-sengħa tagħhom kienet li jagħmlu t-tined. Kull nhar ta' Sibt kien imur jiddiskuti fis-sinagoga u jfittex li jipperswadi lil-Lhud u l-Griegi.

Meta Sila u Timotju waslu mill-Maċedonja, Pawlu ta ruħu kollu kemm hu għax-xandir tal-kelma, u kien jixhed lil-Lhud li Ġesù huwa l-Messija. Iżda huma waqfulu u bdew jidgħulu, għalhekk Pawlu farfar ħwejġu u qalilhom: 'Intom taħtu għat-telfien tagħkom, jien ma għandix ħtija! Minn issa 'l quddiem se ngħaddi għand il-pagani.' Mbagħad telaq minn hemm u mar għand wieħed jismu Titu Ġustu, li kien iqim lil Alla, u li daru kienet maġenb is-sinagoga. Krispu, il-kap tas-sinagoga, u l-familja tiegħu kollha emmnu fil-Mulej, u ħafna mill-Korintin, li kienu jisimgħu lil Pawlu, emmnu huma wkoll u tgħammdu. Darba bil-lejl il-Mulej deher lil Pawlu u qallu: 'La tibżax, imma tkellem u tiskotx, għax jiena miegħek, u ħadd ma hu se jmidd idu fuqek biex jagħmillek ħsara; għax poplu kbir hawn għalija f'din il-belt.' Pawlu qagħad hemm sena u sitt xhur, jgħallimhom il-kelma ta' Alla" (Atti 18,1-11).

Il-komunità Kristjana li fforma Pawlu fis-sena u nofs li qatta' f'Korintu kienet magħmula minn taħlita ta' persuni ta' klassijiet soċjali differenti. Imma minn dak li hu stess jikteb fl-ewwel Ittra lill-Korintin, jidher li l-maġġoranza tal-Kristjani kienu foqra u skjavi: "Araw x'intom, li Alla sejħilkom; għax m'humiex ħafna fostkom li huma għorrief skond il-qjies tad-dinja, m'humiex ħafna s-setgħana, m'humiex ħafna n-nobbli. Imma Alla għażel in-nies boloh għad-dinja biex iħawwad l-għorrief; għażel id-dgħajfa tad-dinja biex iħawwad il-qawwija; għażel il-mistmerra mid-dinja, u n-nies li ma huma xejn, biex iġib fix-xejn lil dawk li huma xi ħaġa. Hekk ebda bniedem ma jkun jista' jiftaħar quddiem Alla" (1Kor 1,26-29).

Dawn il-Kristjani kienu jiffurmaw komunità ħajja u ferventi, imma kienu wkoll vittmi tal-korruzzjoni morali li kien hemm fil-belt kosmopolita ta' Korintu. L-Appostlu kellu jaffronta problemi ta' komportamenti sesswali sregolati, ġlied u piki, tagħlim qarrieq mill-filosofija pagana, l-influss ta' reliġjonijiet misteriċi orjentali u l-aktar tal-injostiċiżmu.

Il-metodu ta' evanġelizzazzjoni ta' Pawlu kien dejjem jibda bil-predikazzjoni fis-sinagogi tal-Lhud. Imma bosta drabi l-Lhud kienu jopponu t-tagħlim ta' Pawlu dwar Kristu u l-qawmien tiegħu mill-imwiet, u għaldaqstant Pawlu kien imbagħad idur fuq il-pagani, jew Ġentili, li kienu Griegi li kienu jsegwu taħlita ta' twemmin u superstizzjonjiet u jipprattikaw l-idolatrija. Interessanti li dawn kienu normalment aktar disponibbli li jilqgħu l-Evanġelju.

Id-deskrizzjoni tal-attività evanġelizzatriċi ta' Pawlu f'Korintu nsibuha deskritta fl-Atti tal-Appostli. Rajna kif Pawlu beda jingħata għax-xandir tal-kelma wara

li waslu Sila u Timotju, u kif irnexxielu jifforma komunità Kristjana fjorenti. Korintu kienet forsi waħda mill-akbar suċċessi tal-apostolat ta' Pawlu fis-sena u nofs li dam hemmhekk bejn is-snin 50-52. Imma anke f'Korintu Pawlu kellu jaffaċċja l-persekuzzjoni.

## Pawlu jħalli Korintu imma jżomm kuntatt mal-komunità

L-Atti tal-Appostli juruna l-avvenimenti li wasslu lil Pawlu biex iħalli Korintu: "Meta Galljon sar prokonslu tal-Akaja, il-Lhud qamu għalenija kontra Pawlu, tellgħuh quddiem il-qorti, u qalu: 'Dan il-bniedem qiegħed jipperswadi lin-nies biex iqimu lil Alla kontra l-Liġi.' X'ħin Pawlu kien se jiftaħ fommu, Galljon qal lil-Lhud: 'Li kieku kien hemm xi ħtija jew delitt, kien ikun hemm raġuni li nismagħkom bis-sabar kollu lilkom il-Lhud; imma jekk din hi kwestjoni dwar kliem u ismijiet u l-Liġi tagħkom, arawha intom; jien ma rridx nagħmilha ta' mħallef fi ħwejjeġ bħal dawn.' U bagħathom 'il barra mill-qorti. Mbagħad ilkoll qabdu f'Sosteni, il-kap tas-sinagoga, u tawh xebgħa quddiem il-qorti. Imma Galljon ma ta ebda kas ta' dan" (Atti 18,12-17).

Meta wieħed illum iżur il-fdalijiet ta' Korintu, jgħaddi mit-Triq ta' Lechaeum, li kienet triq pavimentata bl-irħam li kienet tgħaqqad il-belt mal-port fuq il-Baħar Jonju. Fil-qalba tal-belt din it-triq kienet tgħaddi minn bieb imponenti (*propylaion*) li minnu kont tgħaddi biex imbagħad titla' taraġ li kien iwasslek fl-*agora*, jew il-pjazza prinċipali bis-suq tal-belt. Hemmhekk wieħed għadu jista' jara l-fdalijiet tas-sala tal-kunsill (*bouletarion*) u wkoll tal-arkati msaqqfin

*Fdalijiet arkeologici Korintu*




*Panorama ta' Korintu*

(*stoas*) li taħthom kont issib il-ħwienet. F'din iż-żona ittieħed Pawlu għall-ġudizzju quddiem il-Prokonslu Galljon. F'iskrizzjoni li nstabet f'Delphi nsibu l-isem ta' Galljon, li kien Prokonslu tal-Akaja fis-snin 51-53, u li kien ukoll ħu Seneca, il-famuż filosofu u mexxej statali Ruman. Kien proprju fuq il-*bema*, jew palk għoli, li l-Appostlu deher akkużat mil-Lhud bħala xewwiex quddiem Galljon. Sal-lum il-viżitaturi jieqfu biex ifakkru din il-ġrajja proprju fil-post li fih seħħet.

Wara dan l-avveniment li kellu l-iskop li jxejjen il-ministeru apostoliku ta' Pawlu, dan ma qatax qalbu imma baqa' għal aktar żmien f'Korintu. Imma mbagħad kien tal-fehma li aħjar jirritorna lejn Antjokja wara dik il-missjoni li kienet damet kważi sentejn, biex hekk jagħti rendikont lill-Knisja u wkoll jippjana vjaġġ ieħor ta' evanġelizzazzjoni. L-Atti jgħidulna li Pawlu ħa miegħu lil Prixxilla u lil Akwila, koppja minn Pontu fl-Asja, li kienu kollaboraturi kbar tiegħu, u wara li waqaf ftit fil-port ta' Cenchreae, fejn kellu jtemm wegħda ta' nażirejat billi jaqta' xagħru, u salpa u qasam il-Baħar Eġew biex imur fil-belt kbira ta' Efesu fl-Asja Minuri. Għalkemm l-aħwa talbuh jieqaf Efesu, Pawlu ried imur lura lejn il-Palestina, ħalli jiltaqa' mal-appostli f'Ġerusalemm u mbagħad jagħti rendikont tal-ħidma tiegħu lill-komunità ta' Antjokja. Hu ried imur Efesu, imma kellu l-ħsieb li jirritorna hemmhekk għal mawra twila fit-tielet vjaġġ missjunarju tiegħu.

## Il-preżenza ta' Apollo f'Korintu

Fit-tmiem tal-kapitlu 18 l-Atti tal-Appostli jippreżentaw il-figura ta' Apollo, li kellu jkun evanġelizzatur kbir f'Korintu u li kellu wkoll relazzjonijiet tajbin ma' Pawlu: "Wieħed Lhudi minn Lixandra, jismu Apollo, wasal Efesu. Kien raġel jinqala' biex jitkellem, u għaref fl-Iskrittura. Kien mgħallem fit-Triq tal-Mulej, u kien jitkellem b'ħeġġa kbira u jgħallem fuq Ġesù, għad li kien jaf biss bil-magħmudija ta' Ġwanni. Dan beda jitkellem bi qlubija kbira fis-sinagoga. Prixxilla u Akwila semgħuh; ħaduh magħhom u fissrulu t-Triq ta' Alla aktar bir-reqqa. Billi hu ried imur Akaja, l-aħwa għamlulu l-qalb u kitbu lid-dixxipli biex jilqgħuh. Meta wasal hemm, bis-saħħa tal-grazzja li kellu, kien ta' għajnuna kbira għal dawk li kienu emmnu.

U bil-qawwa kollha kien jagħlaq ħalq il-Lhud quddiem kulħadd billi jurihom mill-Iskrittura li Ġesù hu l-Messija" (Atti 18,24-28).

## Il-Knisja ta' Korintu matul it-tielet vjaġġ missjunarju ta' Pawlu

L-Atti tal-Appostli jgħidulna: "Wara li għadda ftit taż-żmien hemmhekk [Antjokja], [Pawlu] telaq u qagħad idur minn post għal ieħor fl-art tal-Galazja u l-Friġja, iwettaq id-dixxipli kollha" (Atti 18,23). Dan il-versett jimmarka t-tielet u l-aħħar vjaġġ missjunarju ta' Pawlu li jitkellmu dwaru l-Atti. Dan kien ukoll vjaġġ twil li dam għal ftit snin u li ra lil Pawlu jaqsam l-altipjan Anatoliku, jinżel Efesu fejn dam għal sentejn. Wara li qasam il-muntanji tal-Friġja Pawlu wasal Efesu li kienet il-kapitali tal-provinċja prokonsolari tal-Asja. L-Atti jieqfu biex jitkellmu dwar il-waqfa ta' Pawlu f'Efesu, fejn hu waqqaf komunità Kristjana importanti, immexxija minn diversi presbiteri, imma billi Efesu ma tinsabx fil-Greċja imma fit-Turkija, din mhix se tkun oġġett tar-riflessjoni tagħna, l-aktar dwar ir-rewwixta kontra Pawlu mill-aġentiera tal-istatwi tal-alla Artemide, patruna ta' Efesu.

Lilna jinteressana nkunu nafu li, sakemm Pawlu dam Efesu fis-snin 55-57, Apollo kien mar jevanġelizza f'Korintu. Dan kellu suċċess kbir, imma sfortunatament il-Kristjani ta' Korintu bdew jinqasmu, min jappoġġja lil Pawlu u min lil Apollo, barra minn oħrajn li kienu jgħidu li huma tal-partit ta' Kefa u saħansitra tal-partit ta' Kristu! Dan kollu beda jħasseb sewwa lil Pawlu. Hu diġà kien indirizza l-ewwel Ittra lill-Korintin fis-snin 55-57 meta kien Efesu. Fiha kien tkellem ċar dwar il-problemi ta' firda li kienet qed taffaċċja dik il-komunità, kif ukoll ipprova jagħti tweġiba lill-Korintin dwar mistoqsijiet li kellhom rigward jekk kellhomx jieklu laħam li qabel kien ġie offrut lill-idoli, dwar il-verġinità u ż-żwieġ, dwar problema ta' komportament sesswali sregolat u saħansitra każ ta' inċest, dwar il-firdiet li kienu qed jinqalgħu waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ikla tal-Mulej, u dwar it-tema tal-qawmien mill-imwiet. Tant kien inkwetat Pawlu rigward il-komunità ta' Korintu li l-Atti jgħidulna li ddeċieda li jmur personalment iżurhom:

"Pawlu għamel il-ħsieb li jmur il-Maċedonja u l-Akaja biex minn hemm jibqa' sejjer Ġerusalemm. Qal ukoll: 'Wara li mmur hemm, jeħtieġ nara Ruma wkoll.' Għalhekk bagħat lejn il-Maċedonja lil Timotju u lil Erastu, tnejn minn dawk li kienu jgħinuh, u hu baqa' għal ftit taż-żmien ieħor fl-Asja" (Atti 19,21-22).

Għalkemm l-Atti jagħtuna rakkont storiku ta' min joqgħod fuqu tal-ispostamenti ta' Pawlu, ma nistgħux nibbażaw biss fuqhom, għax l-iskop ta' Luqa kien x'aktarx dak li joħloq rakkont li juri kif l-Evanġelju xtered mil-Lhudija, għas-Samarija, għal Antjokja u għall-kumplament tad-dinja magħrufa ta' dak iż-żmien, l-aktar bil-ħila ta' Pawlu, li wasal anke Ruma. L-aħjar mod biex nifhmu aħjar x'kien qiegħed jiġri f'Korintu, u meta Pawlu mar iżur mill-ġdid din il-komunità, hu li naraw dak li hu jgħid fit-tieni Ittra lill-Korintin.

## Il-Kristjani ta' Korintu u l-apostolat ta' Pawlu

It-tieni Ittra lill-Korintin hi trattat li fih Pawlu jiddefendi l-ministeru apostoliku tiegħu quddiem il-komunità ta' Korintu. Hemm evoluzzjoni minn dak li qal fl-ewwel Ittra. Jidher li l-oppożizzjoni ta' xi membri tal-komunità lejn Pawlu kienet żdiedet. Mhux biss, imma anke l-inizjattiva li kien ħa Pawlu biex jorganizza ġabra b'riżq il-membri foqra tal-Knisja ta' Ġerusalemm, kienet bdiet tiġi kkritikata minn xi wħud, u l-istess Korintin, li kienu tant entużjasti li jikkollaboraw fiha fil-bidunett, issa bdew juru ruħhom inqas disposti li jkunu ġenerużi.

Ma nafux min kienu dawk li kienu qed jopponu lil Pawlu. L-Appostlu jsemmi membru tal-komunità li kien offendih pubblikament, jekk mhux ukoll sfida l-awtorità tiegħu. Jidher li forsi dawn il-membri kellhom tendenzi injostiċi li bihom kienu jħawdu lill-Korintin bi kliem ta' għerf qarrieq dwar Kristu u r-realtà divina u umana tiegħu. Xi studjużi jaħsbu li l-individwu li Pawlu jirreferi għalih seta' kien l-istess persuna li fl-ewwel Ittra lill-Korintin Pawlu kien tkellem dwar l-att sagrilegu tal-inċest li kien jgħix fih. Fil-fatt l-Appostlu hekk jikteb: "Nibża' li meta nerġa' niġi għandkom ma nsibkomx kif nixtieq, u intom issibu lili mhux kif tixtiequ; nibża' li nsib ġlied, għira, korla, partiti, tqassis, qlajja', tagħjir, u taħwid. Nibża' li meta nerġa' niġi għandkom, Alla tiegħi jċekkinni minħabba fikom, u nibki minħabba ħafna minnkom li dinbu u ma kkonvertewx mill-faħx u żina u t-tbaħrid li għamlu" (2Kor 12,20-21).

Iċ-ċirkustanzi li fihom Pawlu kiteb it-tieni Ittra lill-Korintin minn Efesu nistgħu nifhmuhom aħjar minn dak li naqraw f'1Kor 5,9 u 2Kor 2,3 u 7,8, fejn l-Appostlu jitkellem minn Ittri li ma waslux għandna. L-istudjużi jiddiskutu jekk humiex Ittri mitlufin, inkella jekk humiex inklużi fil-kollezzjoni tal-Ittri kanoniċi li Pawlu kiteb lill-Korintin. Hawnhekk m'aħniex sejrin nidħlu f'din il-kwestjoni ikkumplikata, imma nagħmlu biss riferiment ħafif għal din il-korrispondenza mal-Korintin biex nifhmu kemm Pawlu kien inkwetat u kemm ħa kura pastorali ta' din il-komunità Kristjana li kien tant tħabat għaliha.

L-ewwel Ittra mibgħuta lill-Korintin, u li hi mitlufa, tissemma' f'1Kor 5,9: "Ktibtilkom fl-ittra li ma tagħmluhiex maż-żienja." Mela Pawlu kien kiteb l-ewwel darba meta sema' bil-każ ta' inċest u bl-imġiba sesswali sregolata ta' xi membri tal-komunità ta' Korintu. Imbagħad hu kitbilhom dik li hi l-ewwel Ittra kanonika lill-Korintin, u li waslet għandna. Wara ftit taż-żmien hu kiteb ittra oħra, li mill-ġdid ma waslitx għandna, u li f'2 Kor 2,4: "Iva, jien ktibtilkom b'għafsa ta' qalb u bid-dmugħ." Ma nafux il-kontenut ta' din l-ittra x'kien. Fl-aħħarnett Pawlu kiteb it-tieni Ittra kanonika lill-Korintin li waslet għandna. Fiha xi studjużi jilmħu xi taqsimiet li setgħu kienu biljetti oħrajn ta' Pawlu, bħalma huma l-kapitli 8 u 9 li jitkellmu dwar il-ġabra favur l-insara foqra tal-komunità ta' Ġerusalemm. B'hekk nistgħu ngħidu li Pawlu kiteb xi erba' ittri lill-Korintin, imma li tnejn biss waslu għandna.

Xi ngħidu dwar id-drabi li fihom Pawlu mar Korintu. Rajna li l-ewwel darba kienet is-sena u nofs li fihom għex Korintu fis-snin 49-50 u li fihom bena l-komunità Kristjana. Imma f'2Kor 13,1 Pawlu jikteb: "Din hi t-tielet darba li ġej għandkom." Mela kien hemm drabi oħrajn li Pawlu mar Korintu biex isolvi l-problemi tal-komunità. Nafu li l-Ittra lir-Rumani Pawlu kitibha fis-snin 57 jew 58 minn Korintu. Dawn is-snin jikkorrispondu għall-waqfa li l-Appostlu tal-ġnus għamel f'Korintu meta telaq minn Efesu u għadda mill-Maċedonja fit-tielet vjaġġ missjunarju tiegħu biex jorganizza l-ġabra favur il-Knisja ta' Ġerusalemm. Kien minn Troas jew minn xi mkien fil-Maċedonja li Pawlu kiteb it-tieni Ittra lill-Korintin, li fiha jgħid li kellu jżur din il-komunità għat-tielet darba, kif fil-fatt għamel.

Tibqa' l-problema tat-tieni żjara ta' Pawlu f'Korintu. L-istudjużi tal-Iskrittura jgħidulna li l-fatti ġraw b'dan il-mod. Meta Pawlu kien jinsab Efesu fis-snin 52-53 hu sar jaf bid-diżordni gravi li kien hemm fil-komunità Kristjana ta' Korintu. Għaldaqstant kiteb hemmhekk l-ewwel ittra tiegħu, imsejħa pre-kanonika, li ma waslitx għandna, u li jsemmiha f'1Kor 5,9. Din l-ittra mix-xeħta ftit għamlet effett fost il-Korintin. Kien għalhekk li Pawlu bagħat lil Timotju

f'Korintu, kif jikteb hu stess f'1Kor 4,17: "Għalhekk bgħattilkom lil Timotju, ibni l-għażiż u fidil fil-Mulej; huwa jfakkarkom fl-imġiba tiegħi fi Kristu Ġesù kif ngħallem f'kull Knisja kullimkien." Meta Timotju mar lura għand Pawlu hu ġab miegħu l-kwestjonijiet li kienu għaddejin minnhom il-membri tal-komunità ta' Korintu, u Pawlu wieġeb billi kiteb minn Efesu l-ewwel Ittra kanonika lill-Korintin, x'aktarx fis-sena 55.

Pawlu mbagħad bagħat lil Titu lejn Korintu, biex jorganizza f'ismu l-ġabra għall-Knisja ta' Ġerusalemm. Imma Titu sab sitwazzjoni mħawda u kien ċar li ż-żjara ta' Timotju ma kinetx biżżejjed biex iġġib il-paċi u l-għaqda fi ħdan il-komunità ta' Korintu. Kien quddiem din is-sitwazzjoni li Pawlu ddeċieda li jżur Korintu għat-tieni darba, imma din kellha tkun żjara qasira u ta' malajr, tant li f'2Kor 1,15-16 jikteb: "Jien kont żgur minn dan, u għalhekk qabel ridt niġi għandkom, biex terġgħu tifirħu u ngħaddi mingħandkom għall-Maċedonja, u mbagħad nerġa' lura mill-Maċedonja għal għandkom u tqabbduni t-triq intom għal Lhudija." Din it-tieni żjara kienet waħda diffiċli għal Pawlu, hekk li malli reġa' lura Efesu hu kiteb it-tielet ittra, imsejħa l-ittra miktuba "b'għafsa ta' qalb u bid-dmugħ" (2Kor 2,4).

L-Appostlu mbagħad ipprova jirrikonċilja ruħu mal-Korintin, u reġa' bagħat lil Titu, li kien negozjatur tajjeb, biex jitratta mal-komunità. Mix-xeħta Titu sab sitwazzjoni aktar kalma meta l-Kristjani kienu qraw l-ittra qawwija li kien bagħat Pawlu u diversi minnhom urew sinjali ta' rikonċiljazzjoni. Tant hu hekk li Titu mar lura biex jiltaqa' ma' Pawlu, li


*Dehra tal-Akrokorinthos*

sadanittant kellu jħalli Efesu. Wara li Pawlu wasal Troas hu mar fil-Maċedonja, fejn iltaqa' ma' Titu u kien hemmhekk li kiteb it-tieni Ittra kanonika lill-Korintin lejn is-sena 57, qabel ma hu nnifsu mar personalment Korintu għat-tielet u l-aħħar darba.

## L-aħħar żjara ta' Pawlu f'Korintu qabel it-tluq tiegħu lejn il-Lhudija

L-Atti tal-Appostli jsemmu fil-qosor din it-tielet żjara: "Meta waqaf l-istorbju [ir-rewwixta kontra Pawlu f'Efesu], Pawlu bagħat għad-dixxipli u ħeġġiġhom bi kliemu, sellmilhom u qabad it-triq lejn il-Maċedonja. Huwa u għaddej minn dawk l-inħawi, kien iħeġġeġ lid-dixxipli b'ħafna kliem. Mbagħad wasal il-Greċja, fejn għadda tliet xhur" (Atti 20,1-2). Dawn it-tliet xhur kienu ż-żmien tat-tielet u l-aħħar żjara ta' Pawlu f'Korintu. L-awtur tal-Atti ma jgħid xejn aktar dwar din il-waqfa fis-sena 58, għax hu kien preokkupat biss li jirrakkonta kif Pawlu kellu jmur lura Ġerusalemm biex hemm jiġi arrestat. Jgħid biss li Pawlu ma rnexxilux jaqbad il-ġifen għas-Sirja minn xi port ta' Korintu, għax il-Lhud għamlu konfoffa kontrih. Għaldaqstant iddeċieda li jerġa' jgħaddi mill-Maċedonja. Waqaf Troas biex minn hemm ħa l-ġifen li kellu jwasslu mal-kosta tat-Turkija biex isellem lill-presbiteri ta' Efesu u jkompli triqtu lejn il-Lhudija. L-Atti jsemmu diversi kollaboraturi li vvjaġġaw ma' Pawlu, fosthom Sopatru bin Pirru minn Berija, Aristarku u Sekundu minn Tessalonika, Gaju minn Derbe, Timotju, Tikiku u Trofimu mill-Asja.

Il-Knisja ta' Korintu, evanġelizzata minn Pawlu, kienet waħda mill-aktar fjorenti fil-Greċja, u saħansitra baqgħet importanti tant li l-Papa San Klement I (92 – 99 w.K.) kiteb Ittra lill-Korintin, li fiha jerġa' jħeġġiġhom biex jaħdmu għall-paċi u l-għaqda bejniethom kif kien għallimhom Pawlu, u biex jirrispettaw l-awtorità u l-primat tal-isqof ta' Ruma fuq il-Knisja kollha.

Meta wieħed illum iżur ir-rovini arkeoloġiċi ta' Korintu, ma jistax ma jinsiex din il-belt kosmopolita u mħallta li fiha Pawlu tant ħadem biex ixandar l-Evanġelju. Fis-skiet tar-rovini dominati mill-Acrocorinthis u karatterizzata minn tempji, palazzi, pjazez u toroq Griegi u Rumani, tistħajjel lil Pawlu li, għal sena u nofs dam jgħix f'din il-metropoli u li b'tant tbatija bena komunità Kristjana. Tisma' jidwi f'widnejk il-kliem mimli qawwa tal-Appostlu tal-ġnus: "Għax jekk għandkom bl-eluf għalliema fi Kristu, ma għandkomx ħafna missirijiet; għax jien hu li, bl-Evanġelju, nissiltkom fi Kristu Ġesù. Bil-qawwa kollha nitlobkom: ixbhu lili" (1Kor 4,14-15).